MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2008

Numru 496/2003

Il-Pulizija
(Spettur Dennis Theuma)

vs

Christopher Vella Petroni

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 472160(M) akkuzat talli:
1. f’dawn il-gzejjer fid-19 ta’ April 2003 gewwa l-lokalita’ ta’ Birkirkara minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ Carolina Vella Petroni ta’ karta ta’ identità numru 743161(M) liema feriti huma ta’ natura gravi per durata hekk kif iccertifika t-Tabib Dr. Jonathan

Joslyn MD u dan bi ksur tal-artikolu 216 sub inciz 1 (d) tal-Kap 9;
2. fl-istess lok, hin u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi tal-awtorità kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Carolina Vella Petroni kontra l-volonta taghha u dan bi ksur tal-artikoli 86 u 87 (1c) rispettivament tal-Kap 9.

Il-Qorti mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' Carolina Vella Petroni, u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imputat Christopher Vella Petroni b'obbligazzjoni tieghu nnifsu ai termini tal-artikolu 383 (1) tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet lill-imp jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

Illi l-imputat huwa akkuzat bir-reat li ikkaguna ferita gravi li mill-provi jirrisulta li gew soffruti minn martu li minnha hu separat. Hu wkoll akkuzat li ssekwestrha kontra l-volonta' taghha.

Illi l-kwerelanta ma xehditx u l-provi jikkonsistu kwazi unikament fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u c-certifikat mediku. Dan ic-certifikat jiccertifika l-ferita bhala gravi per durata stante li kien hemm ksur tas-settur nasali.

Illi jinsab dikjarat, u l-kwerelanta ikkonfermat, li l-feriti gew maghmula involontarjament. Din il-konferma taghti kredibilità lill-istqarrija tal-imputat.

Illi fil-waqt li ghandha ghalhekk tirrizulta l-ewwel akkuza bl-attenwanti applikabbli ghall-kaz, ghandha ma tirruzultax t-

tieni akkuza billi f'kull kaz il-provi dwarha ma jwasslux li giet ippruvata.

Rat l-Artikolu 214 u 216(1)(d) tal-Kap 9. Tiddeciedi li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' tlett xhur mil-lum bil-kundizzjoni li l-imputat ma jikkometti ebda reat iehor f'dan il-perjodu.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu skond u ghab-bazi ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------